MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Numru. 1123/2004

Il-Pulizija
Spettur Josric Mifsud

vs

omissis
Christopher Scerri

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Christopher Scerri iben Ronald u Grace nee` Micallef, imwieled Pieta` fil-11 ta` Settembru, 1978 u residenti fil-fond numru Plot 12, Flat 2, Hal Mula Street, Zebbug u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 419778 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:-

Fis-27 ta` Dicembru, 2004, gol-Belt Valletta, ghal habta tat-8 ta` filghodu:

a) Seraq Lm1,025.74 f`valuta Maltija u arlogg tal-marka Bulova fejn il-valur totali u aktar minn elf lira (Lm 1,000), liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur tal-haga misruqa, u bil-lok, ai termini ta` l-artikolu 261 (b), (c) u (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta, ghad-detriment ta` Paola Galea mill-Belt Valletta.

b) Fl-istess hin, lok u cirkostanzi b`mezzi xort ohra hekk kif imsemmija fl-artikolu 325, tal-Ligijiet ta` Malta, volontarjament hasar, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` bieb tal-gallerija tal-fond 7, Sqaq Toni Bajjada, Valletta ghad-dannu ta` l-istess Paola Galea mill-Belt Valletta u dan bi ksur ta` l-artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti kienet giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x`jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali tal-20 ta’ Gunju, 2005 (a folio 114 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

Fl-artikoli 261 (b) (c) (e) 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280, 281 fl-artikolu 325 u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali

Rat li fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru, 2007, l-imputat Christopher Scerri ddikjara li huwa ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat Christopher Scerri kif registrata fis-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2007 ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu b’dan illi t-tieni akkuza ghandha titqies bhala kompriza u nvoluta fl-ewwel akkuza tas-serq aggravat bil-mezz.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kapitlu 9  u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u huwa inghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluza il-fedina penali aggornata tal-imputat Christopher Scerri.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat Christopher Scerri hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu b’dan illi t-tieni akkuza, u cioe’ dik ta’ hsara volontarja, qed titqies bhala kompriza u nvoluta fl-ewwel akkuza tas-serq aggravat bil-mezz.

Ghal finijiet ta’ piena il-Qorti kkunsidratli mill-fedina penali aggornata tal-imputat jirrizulta li huwa nstab hati ta’ ksur ta’ buon ordni u paci pubblikafl-2004 u li prezentement huwa qed jiskonta xahrejn prigunerija wara li nstab hati ta’ ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta’ provisorja. Il-Qorti jidrilha li tenut kont tal-fatt li ma jirizulta xejn allarmanti mill-imsemmija fedina pernali tal-imputat u tenut kont tal-eta’ relattivament zghira meta kkommetta r-reati li taghhom huwa qed jinstab hati, huwa ghandu jinghata l-ahhar oportunita’ sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nta tieghu tal-20 ta’ Gunju 2005 u l-Artikolu 7 (1) tal-Kap 446 tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tiddeciedi li tpoggih taht rdni ta’ probation ghal zmien tlett snin millum taht is-segwenti kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu ta’ probation ta’ tlett snin l-imputat igib ruhu tajjeb u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer.

2. Li l-imputat jibqa' jzomm kuntatt kontinwu ma' l-istess Probation Officer skond id-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien.
3. Li l-imputat jgharraf minnufih lil Probation Officer, b'kull tibdil ta' residenza jew xoghol tieghu.
4. Il-Probation Officer ghandu jaghmel rapport bil-miktub lill-Qorti kull sitt xhur dwar l-andament ta' l-imputat.

Il-Qorti tordna ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ta' l-Uffficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan il-ghan.

B'applikazjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liigjiet ta' Malta l-imputat qed jigi kkundannat sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' hamsa u tmenin lira u sitta lira maltin u hamsin centezmu (LM85.56) liema somma tirraprezenta nofs l-ispejjes konnessi mal-inkjesta magisterjali li saret rigwardanti dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------